31964D0732

29.12.1964 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 217/3685

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tat-28 ta' Diċembru 1963

## dwar il-konklużjoni ta' Ftehim dwar il-ħolqien ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija

(64/732/KEE)

**IL KUNSILL TAL-KOMUNITÀ EKONOMIKA EWROPEA,**

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 238 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar il-ħolqien ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija, iffirmat f'Ankara fit-12 ta' Settembru 1963,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew bid-data tat-28 ta' Ottubru 1963 ([1]),

**IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:**

*Artikolu 1*

Ġew konklużi, approvati u konfermati f'isem il-Komunità, il-Ftehim li joħloq Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija u l-Protokolli li jinsabu miegħu, kif ukoll id-dikjarazzjonijiet li jinsabu ma' l-att finali iffirmati f'Ankara fit-tnax ta' Settembru elf disa' mija u tlieta u sittin.

([1]) ĠU C 182 tat-12.12.1963, pġ. 2906/63.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill qiegħed jipproċedi biex jinnotifika din id-Deċiżjoni, b'konformità ma' l-Artikolu 31(2) tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.

Magħmul fi Brussel, fit-23 ta' Diċembru 1963.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

L. DE BLOCK